**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Vella**
**Spettur Neville Xuereb**
**V**

**AHMED ALI ABUTALAB**

**Illum, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **AHMED ALI ABUTALAB** ta' ghoxrin sena, bin il-mejjet Ali u Mabruka Et Turki, imwieled Tripoli nhar l-hdax ta' Lulju, 1980 u residenti fil-Libja f'El Medina, gie imressaq quddiemha akkuzat talli nhar fid-disgha w il-hdax ta' Lulju, 2000 fl-inhawi ta' San Pawl il-Bahar, Bugibba w l-Qawra, b'ghemil zieni kkorrompa lil Daniela Farrugia minuri ta' erbatax il-sena f'post pubbliku jew f'post espost ghal pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 203(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba sabiex tordna t-tkeccija tal-imputat minn dawn il-Gzejjer u tiddikjarah bhala immigrant iprojbit.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar d-dsatax ta' Frar, 2001 u c-certifikat tat-twelid tal-allegata minorenni Daniela Farrugia li jinsab esibit f'dawn l-atti a fol 40.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi gudikat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif registrat fl-atti tis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Frar, 2001.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tat-tnax ta' Gunju, 2001 tal-imputat.

Qisiet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tmienja ta' Gunju, 2001.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjnijiet ta' fatti rigward l-akkuza in kwistjoni ghalkemm mhux opposti kif jigri ta' spiss. Hemm dik proposta mill-allegata vittma Daniela Farrugia li qalet li l-imputat abbuza minnha sesswalment kontra r-rieda taghha u b'ghemil zieni tieghu kkorrompiha b'atti oxxeni u dik proposta mill-imputat li qal li huwa kien qed johrog ma din Daniela Farrugia bil-bona volunta' tat-tnejn u f'xi okkazzjonijiet kellu xi kuntatt fiziku maghha, ghalkemm il-kuntatt kien superficjali.

Illi ghalkemm ma hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhix mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjata ghal Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex

hija ghexet l-process tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'posizzjoni, wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom stante li kienet hi stess li kkonstatathom u x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu kif gie allegat mid-Difiza li jekk l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat pero huwa veru wkoll kif gie deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-satax ta' Mejju, 1997***, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Graham Charles Ducker** li:

> "*it is true that conflicting evidence per se does not necessarily means that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt, whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.*"

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lil Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veru u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** - vol III Kap IV, pg. 234, Ediz. 1890:

> "*il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui asserit*."

Il-Prosekuzzjoni ressqet lil Daniela Farrugia tixhed nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju, 2000 fejn spjiegat kif iltaqghet mal-imputat fil-pjazza ta' Bugibba. Huwa beda jkellimha u fil-fatt ftehmu li jiltaqghu l-ghada. L-ghada, huma ltaqghu u marru jiehdu *drink* l-Empire ta' Bugibba u sahansitra wara nizlu fil-*games room* tal-istess stabbiliment.

Huma qaghdu jitkellmu bejniethom dwar xulxin. Hija spjiegat li f'hin minnhom miel fuqha u beda ibusha u sahansitra anke messilha sidirha. Dakinhar ftehmu li jiltaqghu jumejn wara li kien il-Hadd. Jum il-Hadd, Daniela marret hdejn il-Gillieru San Paul il-Bahar mal-genituri taghha u meta l-genituri taghha telqu minn fuq il-post wara li allegatament kellmu lil Brian huwa

offrilha li jmorru l-flat tieghu.  Hija ma rieditx ghaliex qalet li bezghet minnu, pero marru fuq il-blat.  Ghalkemm xehdet li kienet tibza minnu dan nonostante xorta marret mieghu fl-imwarrab.  Waqt li kien fuq il-blat, qadghu jitbewwsu.  Ex admissis tghid "*...qaghdna nitbewwsu, nghid li ghall-ewwel beda jbusni fuq xuftejja imbaghad sahansitra beda jinzel u jbusni fuq sidri.  F'hin minnhom anke dahhal idejh taht il-qalziet tieghi u dahhal subajh fil-parti genitali tieghi u hin minnhom qabadni minn ghonqi u qalli biex nimtedd fuq il-blat.*"  Hija kompliet tiddeskrivi kif beda jbusha b'mod salvagg u anke sahansitra jigdimha.  Wara ftit spiccaw l-flat tieghu fejn dan l-agir allegatament aggressiv tal-imputat baqa ghaddej.  Huwa beda jinsisti maghha biex tittardja mal-genituri taghha.  Dan nonostante Daniela Farrugia regghet iltaqghet mieghu t-Tlieta, wara li kien cemplilha d-dar t-Tnejn.  Huwa marru hdejn ta' Fra Ben hdejn il-*bumping cars* proprju fejn hemm blat spuntat.  Ghal darb'ohra qalet li kienet qed tibza minnu peress li kull meta ma kienitx taqbel mieghu, kien jgholli lehnu.  Hija ghalhekk fuq domanda tieghu nehhiet l-flokk u l-qalziet twil li kienet liebsa u l-qalziet ta' taht.  Huwa neza, w imtedd fuqha darha lejn l-art.  Hasset il-parti genitali tieghu tmiss ma taghha u hasset ugigh tremend.  Bdiet tghidlu li kienet qed tweggha, qam u qalilha li

dak kien normali ghaliex kienet ghadha zghira. Reggha ghamel l-istess, bdiet timbuttah, izda kien ghal xejn. F'hin minnhom anke pprova jdahhal il-parti genitali tieghu fil-warrani taghha kontra n-natura. Bdew jghamlu s-sess orali fis-sens li l-imputat jdahhal il-parti genitali tieghu f'halqaha u beda juriha x'kellha taghmel b'subajha. Huwa beda jbusha fil-parti taghha wkoll.

Mistoqsija jekk qalitx lil imputat li kellha erbatax il-sena, Daniela Farrugia wiegbet fl-affermattiv. Qalet wkoll li harget mieghu *ghaliex ffansjatu* pero fl-istess hin tghid li kienet tibza minnu. Il-Qorti Daniela Farugia cahdet li l-imputat egakula fuqha pero fl-inkjesta meta xehdet quddiem l-Inkwerenti, qalet li l-imputat egakula f'halqha, filwaqt li fix-xhieda taghha l-Qorti tghid li ma tafx, pero ma tahsibx (fol 23 tal-atti )

**Michelle Farrugia** li tigi omm l-allegata vittma minuri Daniela Farrugia, xehdet nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju, 2000 fejn qalet li jumejn wara l-allegat incident t-tifla infaqghet tikbi u rrakkuntatilha li l-imputat pprova jaghmel l-att taz-zwieg maghha. Hija cemplet lit-tabib tal-familja certu Doctor Vella li minnufih mar ghandha u kellem lil Daniela u qalilha li kellha kaz

ta' pulizija u ghalhekk marret u ghamlet rapport.

Qalet li kienet tkellmet ma l-imputat qabel ghaliex indirizzatu bl-isem ta' Brian. Qalilha li missieru kien Taljan u ommu Maltija u li missieru jahdem fuq iz-zejt fil-Libja.

L-imputat rrilaxxja stqarrija fit-tnejn u ghoxrin ta' Lulju, 2000 u cioe ftit jiem wara li l-genituri ta' Daniela rrappurtaw li kaz lil pulizija. Huwa ammetta li kien iltaqa ma Daniela Farrugia f'diversi okkazzjonijiet u qal li kien imur maghha fuq il-blat kif stqarret l-istess vittma Daniela Farrugia, fl-istess lokalitajiet u granet imsemmija minnha. Pero cahad b'mod kategoriku li ghamel dak li qalet hi dwaru u cioe li ttantta jaghmel l-att taz-zwieg maghha. Fil-fatt, huwa ammetta li beda jmissilha sidirha minn taht hwejjigha u li sahansitra hi bdiet tmissu kullimkien anke fil-parti genitali tieghu. Ammetta wkoll li mess il-parti taghha b'mod hafif pero cahad li dahhal subajh fil-parti taghha. Ammetta wkoll lil qalilha li xtaq jkollu x'jaqsam maghha pero ma setghax ghaliex kienet zghira. Ammetta wkoll li Daniela Farugia marret ghandu fil-flat u qaghdet xi ftit minuti hemmhekk. L-imputat stqarr li kienet Daniela li riedet li jkollha x'taqsam

mieghu, li kienet imdejjqa d-dar u li sahansitra marret torqod mieghu.

**L-imputat xehed** wkoll viva voce il-Qorti nhar d-disgha ta' April, 2001 w rrepeta dak li qal fl-istatement fis-sens li Daniela Farrugia kienet imdejjaq d-dar u li kienet hi li ssuggeriet li jmorru mal-bahar. Huwa kkonferma l-istqarrija li kien rrilaxxja a tempo vergine tal-investigazzjoni. Ammetta li kien introduca ruhu bhala Brian maghha peress li shabu l-maltin kienu jafuh bl-isem ta' Brian. Cahad b'mod kategoriku li huwa kellu x'jaqsam maghha, li kellu sess orali maghha, li beda jigdimha jew jaqbadha minn ghonqha jew li heddidha. Fil-fatt qal li ma kellux ghalfejn jaghmel hekk ghaliex Daniela dehret kuntenta mieghu tant li kienet tkun hi li tissuggerixxi granet ohra biex jiltaqghu. Cahad li huwa qal lil ommha dak li qalet hi fuq x'jaghmel missieru jew x'nazzjonalita ghandhom il-genituri tieghu ghaliex qatt ma staqsewh.

Ma hemmx dubbju li l-imputat kien konsistenti f'dak li qal sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe li kien hareg ma Daniela Farrugia f'xi okkazzjoniijet u li qadghu jitbewwsu u jmissu lil xulxin, pero cahad b'mod kategoriku u f'kull stadju li

qatt kellu x'jaqsam maghha jew li pprova jkollu x'jaqsam maghha. Qal li huwa ghamel dak li ghamel maghha bi pjacir taghha. Mhux minnu li gieghlha taghmel dak li ghamlet bil-forza, jew taht xi forma ta' theddid.

Il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz b'mod partikolari ghal provi cirkostanzjali.

Fl-ewwel lok kif jirizulta mit-tabib specjalista ginekologu Doctor Yves Muscat Barron li ezamina lil Daniela Farrugia, li ma kien hemm ebda penetrazzjoni ghalkemm hija stqarret li l-imputat dahhal il-parti genitali go fiha u bdiet tweggha. Minn ezami ta' din r-relazzjoni ta' Doctor Mario Scerri jirrizulta li ma kien hemm l-ebda lezjoni friska fuq r-ras, fuq il-wicc jew madwar l-ghonqha ghalkemm hija giet ezaminata jumejn wara li sehh l-incident.

Hawnhekk il-Qorti tistaqsi: li kieku kien minnu li qabadha minn ghonqha, jew addirittura mtedd fuqha fuq il-blat hdejn il-*bumping cars*, fejn il-blat hu kollu spuntat, ma kienx ikun hemm xi marki ?

Daniela Farrugia qalet lil Doctor Mario Scerri li kellha tbengila fuq sidirha izda dan nonostante Doctor Mario Scerri ma sab l-ebda tbengila, u ghalkemm Daniela Farugia qalet li Brian gidimha, lanqas ma nstabu sinjali ta' gdim.

In oltre, meta Daniela Farrugia xehdet quddiem l-espert nominat fl-inkjesta u cioe l-Prokuratur Legali Giuliana Scerri Ferrante, din Daniela Farrugia xehdet b'mod differenti minn meta xehdet l-Qorti.

Fl-inkjesta Daniela Farrugia qalet li hija marret fuq il-blat voluntarjament, ma kienetx sfurzata minnu. Tant hu hekk li marret mhux biss darba izda diversi drabi, addirittura l-ahhar gurnata meta saret l-allegata penetrazzjoni huma regghu nizlu flimkien. Hija tammetti wkoll li kompliet mieghu u li kienet hi wkoll li fethitlu l-buttini tal-jeans. Stqarret wkoll li meta dahhal l-parti tieghu go fiha ma qaltlu xejn u li kien meta bdiet tweggha li qaltlu biex jieqaf. Divergenza ohra hi li waqt li fl-inkjesta tghid li belghet l-isperma, il-Qorti viva voce tghid li ma tafx jekk kellux sperma jew le.

Daniela Farrugia dehret kommossa hafna waqt x-xhieda taghha tant li bdiet tghajjar lil imputat "bhima" (vide verbal tas-sitta w ghoxrin ta' Marzu, 2001) li tobghodu ghaliex huwa Gharbi u ghax hu giddieb u li mill-Gharab tibza. Dawn l-atteggjamenti tal-vittma huma daqsxejn razzisti u dan m'ghandhux ikun.

Il-Qorti ssibha difficili temmen lil vittma meta tghid li l-imputat heddidha u kien salvagg maghha ghaliex kieku kien hekk, ghaliex ma telqitx minn fuq il-post jew almenu talbet ghall-ghajjut! Kemm hdejn il-Gillieru f'San Pawl il-Bahar kif wkoll hdejn il-*bumping cars*, nies ikun hemm dejjem. In ogni caso, Daniela Farrugia qatt ma qalet li ghamlet xi tenttattiv sabiex tahrab minnu, anzi kienet tippjana mieghu sabiex jergghu jiltaqghu.

Il-Qorti ssibha difficli hafna wkoll sabiex temmen li l-imputat kellu x'jaqsam mal-minuri fuq il-blat spuntat meta kellu l-kumdita kollha tal-flat tieghu fl-istess vicinanzi. Dawn l-incertezzi jikkrejaw hafna dubbji f'mohh il-gudikant dwar il-kredibilita f'dak li qalet l-allegata vittma Daniela Farrugia.

Wara li l-Qorti eleborat fuq ix-xhieda mismugha, thoss li ghandha tindika x'inhuma l-elementi ta' dan r-reat kif previst fl-artikolu 203(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe dak ta' korruzzjoni ta' minorenni.

L-elementi ta' dan r-reat huma principalment tlieta:

a. l-ghemil zieni;

b. l-eta tal-vittma; u

c. il-korruzzjoni tal-vittma.

Kif gie deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbatax ta' Marzu, 1985*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Raymond McKay**, ghalkemm il-ligi ssemmi ghemil zieni ossia *lewd acts* mhux necessarju li jkun hemm r-ripetizzjoni tal-atti ghaliex l-legislatur ried juri l-kwalita u speci tal-atti u mhux in-numru. Il-legislatur ried li jevita li n-nies ta' eta zghira jbatu l-effetti hziena ta' eta zghira milli jaqghu vittmi tax-xewqat libidinuzi ta' nies ohra. Apparti mill-konnessjoni karnali anke atti libidinuzi ohrajn ta' natura inqas serji jikkostitwixxu r-reat basta dawn jwasslu ghal korruzzjoni tal-vittma specjalment billi jecitaw l-passjoni jew xewqa sesswali.

Taht il-ligi Maltija, l-vittma trid tkun taht l-eta [*a minor*] u cioe taht t-tmintax il-sena. Il-ligi taghmel l-asserzjoni li persuni taht l-eta, inkapaci milli jaghtu l-kunsens taghhom ghal konnessjoni karnali. F'dan il-kaz, jirizulta a fol 40, mic-certifikat tat-twelid esibit mill-Prosekuzzjoni li Daniela Farrugia hija minuri u fil-mument tal-allegat incident kellha biss erbatax il-sena.

It-tielet ingredjent tar-reat hu l-korruzzjoni effettiva tal-minorenni. Jinghad wkoll dwar l-element intezjonat fir-reat li ebda intenzjoni li tikkorrompi ma hi necessarja u l-korruzjoni intiza jew le trid titqies bhala korrolari ghall-atti libidinuzi stess u jekk l-atti li saru jwasslu ghal dan l-effett, dan hu sufficjenti biex jipprova li l-persuni li ghamlu l-atti riedu il-konsegwenzi inerenti.

Jirrizulta mis-sentenza fuq citata li l-posizzjoni legali llum hi li l-korruzzjoni kemm jekk specifikament intenzjonata jew le tigi konsidrata bhala l-konsegwenza necessarja tal-atti ta' libidini nnifishom b'dan li f'kull kaz il-gudikant irid jara kienux kalkolati biex jikkorrumpu. L-Avukat Difensur sostna li semmai dak li gara bejn l-imputat u Daniela u cioe l-bews u tokkament hu

rizultat ta' kunfidenzi zejda li ma jwasslux ghad-delitt in kwistjoni.

Sabiex jissusisti dan r-reat, il-Prosekuzzjoni trid tipprova d-dannu effettiv u ma jistax jigi presunt, **imma ghandu jigi ppruvat** bhala fenomenu accettabbli u ghalhekk il-legislatur iddispona li l-atti iridu jikkorrompu u mhux sussegwentement jistghu jikkorrompu.

Wiehed ghalhekk irid logikament iqis l-persuna u l-att u c-cirkostanzi kollha partikolari ta' kull kaz. Kieku ma kienx hekk l-legislatur kien jghid semplicement u jevita hafna diskussjonijiet, li hu hati ta' korruzzjoni ta' minorenni kull min jikkommetti attijiet ziena fuq il-persuna jew fil-presenza tal-minuri, mentri hu ma jghidx hekk, imma jirrikjedi bhala element essenzjali kostituttiv ta' dan id-delitt li l-hati b'attijiet ziena jikkorrompi, jigifieri igib l-korruzjoni effettiva tal-minuri li jirrendi d-delitt wiehed ta' natura minn dawk li fid-duttrina jigi klassifikat bhala delitt materjali.

Dwar t-tifsira li din il-Qorti ghandha taghti lil kelma "*korruzzjoni*" il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza citata

mill-Prosekuzzjoni stess u cioe **Il-Pulizija v Fortunato Tagliaferro** ***deciza mill-Qorti tal-Appell kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Dicembru, 1991***, fejn jirrizulta li l-kelma "*jikkorrompi*" ghandha konnotazzjonijiet personali, relazzjoni ravvicinata bejn bniedem u iehor, fejn il-hazin jgharraq innocenti u jintroducih ghall-irikwita li l-bniedem innocenti qabel ma kienx jaf bih.  Tikkorrompi tfisser il-volunta ta' minn qieghed jikkorrompi, illi bl-ghemil zieni tieghu qieghed jisfrutta u juza t-tjubija u l-innocenza tal-vittma predestinata b'tali mod personali li jintroducih ghal haga precedentement skonoxxuta mill-istess vittma.

Il-Qorti ghamlet apprezzament ta' dak li qalet Daniela Farrugia waqt li kienet qed tiddeponi minn fuq il-pedana tax-xhieda u thoss li dak li qalet ma hux kollu veritier ghaliex fil-fehma tal-Qorti hemm xi esagerazzjonijiet.  Dan nonostante, pero u in vista ta' dak li qal l-imputat stess u cioe li qaghad jmiss sider Daniela Farrugia minn taht il-flokk, u sahansitra anke jmiss il-parti privata taghha, thoss li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-atti ta' libidine li saru b'ghemil zieni tal-imputat.  Jirrizulta mix-xhieda tal-imputat stess li kien jaf li Daniela Farrugia kellha biss erbatax il-sena pero dan nonostante ma thossx li ma kellux jibqa

ghaddej b'ghemilu.  Il-Qorti thoss li t-tutela tal-ligi hija importanti fiz-zminijiet ta' llum fejn tfajliet ta' eta zghira huma esposti ghal tant insidji.  Eta ta' erbatax il-sena fil-fehma tal-Qorti hija eta tenera wisq biex wiehed jhares b'simpatija lejn l-element ta' namrar u jinsa t-tokkamenti li saru.  Din il-Qorti ma jidhrilix li ghandha tenfasizza l-fragilita ta' tfajliet ta' eta tant tenera, ghaliex maturi kemm huma maturi, xorta it-tutela tal-ligi fil-konfront taghhom ma hiex superfluwa.

Il-Qorti rat li Daniela Farrugia hija tifla immatura u r-rizultat ta' dak li gralha halla impatt fuq il-personalita taghha tant li anke sahansitra kellha xi *nightmares* dwar l-akkadut, m'ghandhix dubbju li fis-semplicita taghha hija giet korrotta.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 203(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda nadifa minn kull tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha.

Dwar il-piena il-Qorti thoss li stante c-cirkostanzi piena karcerarja hija piena idoneja, pero stante n-natura w l-grad tal-

korruzzjoni, il-Qorti ma thossx li ghandha taghti l-piena massima.

**Ghaldaqstant wara li tiddikjara li qed ssib lil imputat AHMED ALI ABUTALAB hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, tiddikundannah ghal piena karcerarja ta' sena.**

**Il-Qorti tordna li kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnssjoni ma dan il-kaz ghandu jitnaqqas mill-piena inflitta citata hawn fuq.**

**In oltre tordna li ai termini tal-artikolu 14 tal-Kap 217 l-imputat jigi dikjarat immigrant projbit u ghaldaqstant tordna li jinhareg ordni ta' tkeccija kontra tieghu una volta jiskonta s-sentenza fuqu nflitta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**